**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara li (i) l-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka kisret l-obbligi kuntrattwali tagħha taħt il-Ftehim ta' Għajnuna FP7-SEC-2012-312484, konkluż fil-kuntest tas-Seba' Programm Qafas għar-riċerka, żvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni, (ii) it-talba magħmula fin-noti ta' debitu Nru 3242005872 dwar ir-rimbors tal-ammont ta' EUR 171 342.97 għal kontribuzzjoni mhux ġustifikata u Nru 3242005825 dwar ir-rimbors tal-ammont ta' EUR 17 134.30 bħala kumpens f'somma f'daqqa, hija infondata, u (iii) l-ispejjeż korrispondenti għall-konsulenti interni huma eliġibbli; u,

— tikkundanna lill-konvenuta tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tar-rikorrenti għal dawn il-proċeduri.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka dawn il-motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq li r-REA interpretat b'mod żbaljat id-dispożizzjonijiet rigward l-ispejjeż eliġibbli u naqset milli tissodisfa l-obbligi kuntrattwali tagħha, billi ħarġet in-noti ta' debitu inkwistjoni, abbażi tal-fatt li l-ispejjeż għal konsulenti interni jissoddisfaw il-kriterji ta' eleġibbiltà, stabbiliti fil-Ftehim ta' Għajnuna u għalhekk ma jistgħux jagħtu lok għal talba għal rimbors.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq li r-REA naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha fil-kuntratt *in bona fide*.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq li r-REA kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità.

---

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Ġunju 2020 – KN vs KESE**

**(Kawża T-377/20)**

(2020/C 279/57)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* KN (rappreżentanti: M. Casado García-Hirschfeld u M. Aboudi, avukati)

*Konvenut:* Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara din ir-rikors ammissibbli;

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata tad-9 ta' Ġunju 2020 innotifikata fis-17 ta' Ġunju 2020;

— tordna kumpens għad-dannu morali li jammonta għal EUR 200 000 u l-kumpens għad-dannu materjali stmat għas-somma ta' EUR 50 000 euro;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet proċedurali u tad-drittijiet fundamentali ta' amministrazzjoni tajba u tad-dritt għal smigħ, kif ukoll fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju tal-preżunzjoni ta' innoċenza u tal-prinċipju ta' imparzjalità.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, skont il-massima "nulla poena sine lege" u l-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività.

4. Ir-raba’ motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju tal-kunfidenzjalità ta’ proċeduri dixxiplinari u ta’ informazzjoni ġudizzjarja, kif ukoll fuq il-ksur apparenti tal-garanziji mogħtija mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta’ tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU 2018, L 295, p. 39).

---

**Rikors ippreżentat fis-16 ta’ Ġunju 2020 – OC (*) vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-384/20)**

(2020/C 279/58)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Partijiet**

*Rikorrent:* OC (*) (rappreżentant: B. Christianos, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tikkundanna lill-Kummissjoni tħallas lir-rikorrenti s-somma totali ta’ miljun u mitt elf euro (EUR 1 100 000) bħala kumpens għad-dannu morali li hija sostniet sal-ġurnata tal-lum u

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka l-motivi li ġejjin.

1. Permezz ta’ dan ir-rikors, ir-rikorrenti titlob, abbażi tal-Artikolu 268 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, il-kumpens għad-dannu li hija sostniet minħabba l-azzjonijiet u l-omissjonijiet illegali tal-Uffiċċju Ewropew ta’ kontra l-Frodi (OLAF), wara l-pubblikazzjoni minn dan tal-aħħar tal-istqarrija għall-istampa Nru 13/2020 li kixfet b’mod illegali data personali u informazzjoni falza dwar ir-rikorrenti.

2. Skont ir-rikorrenti, l-OLAF a) billi ppubblika (fi stqarrija għall-istampa indirizzata lill-pubbliku) data personali tar-rikorrenti u b) billi xerred informazzjoni żbaljata u mhux veritiera fl-imsemmija stqarrija għall-istampa, kiser b’mod flagranti dispożizzjonijiet li jagħtu drittijiet lill-individwi,.

3. B’mod partikolari, permezz tal-aġir tiegħu, l-OLAF kiser id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(1)(a) u (b), tal-Artikoli 5, 6 u 15(3) tar-Regolament 2018/1725 [1], id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(5) u tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament 883/2013 [2] kif ukoll il-preżunzjoni ta’ innoċenza, id-dritt għal amministrazzjoni tajba u l-prinċipju ta’ proporzjonalità.

(1) Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta’ tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU 2018, L 295, p. 39).

(2) Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU 2013, L 248, p. 1).

---

(*) Informazzjoni mħassra jew mibdula fil-qafas ta’ protezzjoni ta’ data personali u/jew kunfidenzjalità.